



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' April 2021
(OR. en)

8090/21

COSI 66
ENFOPOL 146
CRIMORG 32
CYBER 106
ENFOCUSTOM 56
IXIM 72
CORDROGUE 18
CT 52
FRONT 150
CATS 30
COPEN 189
DROIPEN 77
JAIEX 47
EMPL 162
JAI 423

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' April 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 171 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin 2021- 2025

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 171 final.

Mehmuż: COM(2021) 171 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.4.2021
COM(2021) 171 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

dwar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin

2021- 2025

1. Introduzzjoni

It-traffikar tal-bnedmin jeqred il-ħajja tal-individwi billi jċaħħad lin-nies mid-dinjità, il-libertà u d-drittijiet fundamentali tagħhom¹. Ħafna drabi dan ikun reat vjolenti mwettaq minn networks tal-kriminalità organizzata. Jenħtieġ li ma jkollu l-ebda post fis-soċjetà tal-lum.

Madankollu, it-traffikar tal-bnedmin huwa fenomenu globali. Iseħħ f'kull pajjiż u f'kull reġjun. Qed ikompli jseħħ ukoll fl-Unjoni Ewropea. Skont l-aħħar *data* disponibbli, bejn l-2017 u l-2018, kien hemm aktar minn 14 000 vittma rreġistrata² fl-Unjoni Ewropea³. In-numru reali x'aktarx li jkun ogħla b'mod sinifikanti peress li ħafna vittmi ma jinstabux.⁴ Kważi nofs il-vittmi tat-traffikar fl-Unjoni Ewropea huma ċittadini tal-UE u għadd sinifikanti minnhom huma ttraffikati fl-Istat Membru tagħhom stess. Il-maġġoranza tal-vittmi fl-UE huma nisa u bniet ittraffikati għall-isfruttament sesswali. Kważi kwart tal-vittmi tat-traffikar fl-UE huma minorenni⁵. Il-maġġoranza tat-traffikanti fl-UE huma ċittadini tal-UE u kważi tliet kwarti tal-awturi huma rġiel. Dan ir-reat iwassal għal profitti kbar għall-kriminali u jgħorr miegħu kostijiet umani, soċjali u ekonomiċi enormi. Il-kost ekonomiku huwa stmat li jilħaq sa EUR 2,7 biljun f'sena waħda⁶.




Figura 1 Tqassim ta' vittmi rreġistrati skont il-forma ta' sfruttament fl-UE fl-2017 u l-2018




Figura 2 Tqassim ta' vittmi rreġistrati skont is-sess fl-UE fl-2017 u l-2018

¹ Ara l-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 5(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

² 63,7 % tal-vittmi identifikati u 36,3 % tal-vittmi preżunti.

³ Id-*data* kollha fil-livell tal-EU-27 dwar il-vittmi fid-dokument tikkonċerna s-snin 2017 u 2018. Sors: Ġbir ta' *Data* dwar it-Ttraffikar tal-Bnedmin fl-UE (2020); COM(2020) 661 final, 20.10.2020.

⁴ COM(2020) 661 final, 20.10.2020 u SWD(2020) 226 final, 20.10.2020.

⁵ L-Artikolu 2(6) tad-Direttiva 2011/36/UE jiddefinixxi t-terminu "tfal" bħala li jfisser kwalunkwe persuna taħt it-18-il sena.

⁶ Studju dwar il-kostijiet ekonomiċi, soċjali u umani tat-traffikar tal-bnedmin fl-UE (2020); fuq:

https://ec.europa.eu/anti-trafficking/sites/antitrafficking/files/study_on_the_economic_social_and_human_costs_of_trafficking_in_human_beings_within_the_eu.pdf.

Il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin ilha prijorità għall-Unjoni Ewropea⁷. Matul is-snin, sar progress f'hafta aspetti. Il-kooperazzjoni fost l-atturi ewlenin, inkluż fil-livell politiku, bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u daww ġudizzjarji, kemm fil-kuntest nazzjonali kif ukoll f'dak tranżnazzjonali, wasslet għal prosekuzzjonijiet u kundanni kif ukoll għal identifikazzjoni, assistenza u appoġġ aħjar għall-vittmi. Saru kampanji ta' sensibilizzazzjoni, programmi edukattivi u inizjattivi ta' taħriġ biex jitnaqqsu r-riskji li n-nies jispiċċaw vittmi tat-traffikar. L-istudji u r-rapporti żiedu l-għarfien dwar il-fenomeni, u b'hekk ikkontribwew għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' rispons adegwati⁸.

Minkejja l-progress miksub, it-traffikar tal-bnedmin għadu theddida serja fl-Unjoni Ewropea, u jipperikola eluf ta' individwi kull sena, b'mod partikolari n-nisa u t-tfal. It-traffikanti jisfruttaw l-inugwaljanzi soċjali u wkoll il-vulnerabbiltà ekonomika u soċjali tan-nies, li ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19, li tagħmilha aktar faċli għall-awturi biex isibu vittmi. Il-pandemija xekklet ukoll l-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja, l-assistenza u l-appoġġ, u fixklet ir-rispons tal-ġustizzja kriminali għar-reat. Barra minn hekk, it-traffikanti għaddew għal mudell kummerċjali ġdid ta' reklutaġġ u sfruttament online tal-vittmi,⁹ u dan jagħmilha aktar diffiċli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u għall-ġudikatura biex iwieġbu.

Din l-istrateġija tidentifika prijoritajiet ewlenin bil-għan li jiġi miġġieled it-traffikar tal-bnedmin b'mod aktar effettiv. Hija tipproponi azzjonijiet konkreti, li se jiġu żviluppati b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, biex it-traffikar jiġi identifikat u jitwaqqaf fi stadju bikri, biex jinqabdu l-kriminali billi t-traffikar jinbidel minn reat b'riskju baxx u b'redditu għoli għal reat b'riskju għoli u b'redditu baxx, u biex il-vittmi jiġu protetti u jiġu meġhuna jibnu haġġithom mill-ġdid.

Peress li t-traffikar tal-bnedmin huwa forma partikolarment serja ta' kriminalità organizzata, din l-istrateġija hija interkonnessa mill-qrib mal-Istrateġija tal-UE biex tiġi Indirizzata l-Kriminalità Organizzata 2021-2025. Filwaqt li l-prijoritajiet olistiċi u l-azzjonijiet ewlenin tal-istrateġija kontra l-kriminalità organizzata japplikaw għat-traffikar tal-bnedmin, din l-istrateġija twieġeb għall-aspetti speċifiċi tar-reat tat-traffikar tal-bnedmin.

2. Rispons komprensiv għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin – mill-prevenzjoni permezz tal-protezzjoni tal-vittmi sal-prosekuzzjoni u l-kundanna tat-traffikanti

It-traffikar tal-bnedmin huwa **fenomeni kriminali kumpless**. It-traffikanti jabbużaw mis-sitwazzjoni vulnerabbli tal-individwi biex jiksibu profitt. Min-naħa tad-domanda, in-negozji, l-impjegaturi, l-utenti u l-konsumaturi jibbenefikaw mill-isfruttament tal-vittmi permezz ta' servizzi, xogħol u prodotti. Tul il-katina tat-traffikar kollha, il-vittmi jsofru dannu serju fuq perjodu ta' żmien qasir u twil li jirrikjedi assistenza, appoġġ u protezzjoni immedjata kif ukoll perspettiva ta' riintegrazzjoni għal ħaġġa aħjar għalihom.


Il-komplessità tal-fenomeni tat-traffikar titlob **rispons komprensiv**. Hemm bżonn ta' inizjattivi legali, ta' politika u operazzjonali ġenerali biex jiġi miġġieled it-traffikar tal-bnedmin b'mod koerenti u wiesa' – mill-prevenzjoni sal-kundanna tal-kriminali filwaqt li tiġi

⁷ Ara l-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012-2016 COM(2012) 286 final, 19.6.2012; u r-Rapportar dwar is-segwitu tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u identifikazzjoni ta' azzjonijiet konkreti oħra; COM(2017) 728 final, 4.12.2017.

⁸ Il-ġbir regolari tad-data fl-UE kollha jsir b'appoġġ mill-Eurostat dwar il-vittmi u l-karatteristiċi tagħhom u dwar l-awturi, inklużi l-prosekuzzjonijiet u l-kundanni. Il-pubblikazzjonijiet kollha tal-UE inklużi huma disponibbli fuq: <https://ec.europa.eu/anti-trafficking/publications>.

⁹ Ara, pereżempju: ICAT, il-pandemija tal-COVID-19 u l-impatt tagħha fuq il-vittmi u s-superstiti tat-traffikar tal-bnedmin; UNODC, Impatt tal-Pandemija tal-Covid-19 fuq it-Traffikar tal-Persuni -

enfasizzata l-protezzjoni tal-vittmi fl-istadji kollha, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari n-nisa u t-tfal vittmi kif ukoll it-traffikar għall-isfruttament sesswali.



Il-**leġiżlazzjoni** hija waħda mill-aktar għodod b'saħħithom għad-dispożizzjoni tagħna peress li tippermetti d-definizzjoni tar-reat, l-istabbiliment ta' sanzjonijiet u oġettivi komuni għall-prosekuzzjoni tal-kriminali, u l-protezzjoni tal-vittmi. Id-**Direttiva tal-UE Kontra t-Ttraffikar**¹⁰ kienet is-sinsla tal-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Il-Kummissjoni Ewropea mmonitorjat u appoġġat it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri marbuta biha¹¹. Fir-rapport tagħha dwar it-Traspożizzjoni tal-2016¹², il-Kummissjoni sabet li filwaqt li l-Istati Membri għamlu sforzi sostanzjali biex jittrasponu d-Direttiva, għad hemm lok għal titjib fir-rigward tal-miżuri ta' prevenzjoni, protezzjoni, assistenza u appoġġ għall-vittmi, inklużi vittmi tfal. Fl-2019, il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni mingħand l-Istati Membri fir-rigward tas-sejbiet tar-rapport tagħha tal-2016¹³. B'mod parallel, il-Kummissjoni qed tappoġġa lill-Istati Membri biex jimplimentaw id-Direttiva b'mod effettiv. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni żviluppat il-bażi

¹⁰ Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-għieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI, ĠU L 101, 15.4.2011.

¹¹ Id-Danimarka mhijiex marbuta bid-Direttiva Kontra t-Traffikar.

¹² COM(2016) 722 final, 2.12.2016.

¹³Ara dwar l-implimentazzjoni: COM(2020) 661 final, 20.10.2020; SWD(2020) 226 final, 20.10.2020.

tal-għarfien,¹⁴ ipprovdiet gwida¹⁵ u ffinanzjat azzjonijiet dedikati, inkluż għal inizjattivi ta' kooperazzjoni transfruntiera¹⁶. Il-ħidma tal-Kummissjoni man-network tal-UE ta' relaturi Nazzjonali u mekkaniżmi ekwivalenti u l-Pjattaforma tas-Soċjeta' Ċivili tal-UE kontra t-Traffikar tal-bnedmin¹⁷ appoġġat ukoll l-implimentazzjoni tad-Direttiva. It-traspożizzjoni korretta u kompleta u l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva se jibqgħu l-prijorità tal-Kummissjoni biex tiżgura li t-traffikanti ma jibbenefikawx minn approċċi differenti madwar l-Ewropa u li l-vittmi jirċievu protezzjoni adegwata fl-UE irrispettivament minn fejn ikunu. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-Direttiva u se tuża s-setgħat tagħha mogħtija mit-Trattati, inkluż il-ksur kif xieraq.

Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri, imwettaq mill-Kummissjoni fost l-oħrajn f'rapporti ta' progress ta' kull sentejn¹⁸ kif ukoll diversi rapporti tal-partijiet ikkonċernati¹⁹ jindikaw li l-istrument, li għandu għaxar snin, jista' jkun li ma għadux aktar adattat għall-iskop tiegħu. Minkejja l-inizjattivi ta' prevenzjoni meħuda, ma kienx hemm tnaqqis fid-domanda għall-użu tas-servizzi tal-vittmi sfruttati. L-impunità tal-awturi fl-UE għadha tippersisti, u l-għadd ta' prosekuzzjonijiet u kundanni tat-traffikanti għadu baxx²⁰. Ir-regoli minimi stabbiliti għall-vittmi jistgħu ma jqisux biżżejjed il-ħtiġijiet reali tagħhom. Għalhekk, hemm il-ħtieġa li tiġi evalwata l-implimentazzjoni tad-Direttiva u jekk ikun meħtieġ abbażi tal-eżitu ta' din l-evalwazzjoni, tiġi proposta r-reviżjoni tagħha biex issir adatta għall-iskop tagħha²¹.

Fil-livell ta' politika u operazzjonali, huwa kruċjali li tiġi żgurata kooperazzjoni transfruntiera, regionali u internazzjonali, inkluż bl-iżvilupp u l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-informazzjoni, kif ukoll permezz tal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni. Dawn il-prattiki jagħtu mezzi aħjar lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jostakolaw lill-kriminali u jappoġġaw lill-vittmi. Filwaqt li n-networks kriminali jiċċaqilqu bejn il-fruntieri, – minn pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni – l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati hija l-kompetenza tal-Istati Membri fil-ġuriżdizzjoni tagħhom. Huwa diffiċli li tinvestiga każijiet transfruntieri ta' traffikar tal-bnedmin peress li dawn jeħtieġu riżorsi, koordinazzjoni u komunikazzjoni tajba bejn l-awtoritajiet rilevanti²². L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jeħtieġu wkoll kapacià, għodod u kooperazzjoni strutturata biex jindirizzaw il-*modus operandi* diġitali tat-traffikanti. L-aġenziji tal-UE, bħall-Europol u l-Eurojust, qed jiffaċilitaw kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali għal azzjonijiet

¹⁴ Permezz ta' kontributi regolari għar-rapporti ta' progress tal-Kummissjoni Ewropea adottati kull sentejn u studji, pereżempju: l-istudju dwar ir-rieżami tal-mekkaniżmu ta' riferiment nazzjonali u tranżnazzjonali tal-Istati Membri (2020), l-Istudju dwar l-ispejjeż ekonomiċi, soċjali u umani tat-traffikar tal-bnedmin (2020); l-Istudju dwar id-dimensjoni tal-ġeneru fit-Traffikar tal-bnedmin (2016).

¹⁵ Pereżempju: Gwida biex tissaħħaħ il-protezzjoni tat-tfal li tiffoka fuq il-vittmi tat-traffikar (2019); Linji gwida għall-identifikazzjoni tal-vittmi (2013); Manwal dwar it-tutela għal tfal imċaħħda mill-kura tal-ġenituri (2014).

¹⁶ Ara s-sejħiet regolari għal proposti taħt il-Pulizija tas-Sigurtà Interna u l-Fond għall-Ażil, l-Integrazzjoni u l-Migrazzjoni; u l-Istudju dwar ir-Rieżami tal-politika komprensiva dwar il-proġetti ta' kontra t-traffikar iffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea (2016).

¹⁷ <https://ec.europa.eu/anti-trafficking/intensifying-coordinated-response/intensifying-coordinated-response>

¹⁸ COM(2020) 661 final, 20.10.2020.

¹⁹ Pereżempju, ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu; 2020/2029(INI).

²⁰ 6 163 prosekuzzjoni u 2 426 kundanna fl-UE-27 fl-2017-2018.

²¹ Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu; 2020/2029(INI).

²² Rapport tal-Eurojust dwar it-traffikar tal-bnedmin, l-aħjar Prattiki u kwistjonijiet fil-kooperazzjoni ġudizzjarja (2021).

operazzjonali ta' suċċess biex il-kriminali jitressqu quddiem il-ġustizzja u biex jiġu identifikati u protetti l-vittmi.

Meta l-vittmi jiġu rimpatrijati jew jirritornaw b'mod volontarju mill-pajjiż fejn ikunu ġew sfruttati lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, hija meħtieġa kooperazzjoni f'waqtha bejn l-atturi rilevanti għal miżuri ta' assistenza, appoġġ u integrazzjoni mmirati kemm fil-punt tat-tluq kif ukoll f'dak tal-wasla. Tali proċessi li jippermettu l-aċċess tal-vittmi għad-drittijiet tagħhom f'każijiet transfruntiera jistgħu jiġu ffaċilitati permezz ta' mekkaniżmi ta' riferiment tranżnazzjonali, jiġifieri pjattaformi għall-kooperazzjoni transfruntiera tal-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u tas-soċjetà ċivili involuti fis-segwitu tal-identifikazzjoni, l-assistenza u l-protezzjoni tal-vittmi traffikati²³.

Sabiex jitqiesu aħjar dawn l-isfidi transfruntiera u tranżnazzjonali, il-Kummissjoni se tiffinanzja u tikkordina **sett ta' azzjonijiet** biex **ittejjeb aktar il-ħidma ta' politika u operattiva** għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin²⁴. L-azzjonijiet se jkollhom l-għan li jtejb u l-iskambji tal-aħjar prattiki, inkluż dwar il-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-korpi tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji; li jtejb u s-servizzi ta' konsulenza mill-prattikanti biex jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn diversi aġenziji fil-livell nazzjonali u tranżnazzjonali; li jgħinu biex jissaħħa u ulterjorment l-appoġġ għall-vittmi u r-riferiment tagħhom fl-Ewropa u lil hinn minnha; u li jippromwovu s-sensibilizzazzjoni, ir-riċerka u l-analiżi tad-*data* billi jappoġġaw il-kooperazzjoni bejn il-korpi nazzjonali rilevanti, pereżempju l-istituti u l-osservatorji tad-*data*. Dan is-sett ta' azzjonijiet *de facto* se jservi bħala ċentru ta' għarfien u ta' għarfien espert għall-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra.

L-għoti ta' **finanzjament** xieraq iffaċilita l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet konġunti mill-awtoritajiet nazzjonali, żied il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u awtoritajiet oħra, ħoloq alleanzi wesgħin fost il-partijiet ikkonċernati għal approċċ li jnvolvi diversi aġenziji u multidixxiplinari għall-ġlieda kontra r-reat. Dan iippermetta wkoll appoġġ u integrazzjoni għall-vittmi fl-Ewropa u fil-pajjiżi shab²⁵.

Il-prijoritajiet fl-ambitu ta' din l-istrateġija se jiġu appoġġati minn finanzjament xieraq sabiex jinkiseb **impatt tanġibbli** u jiġu pprovduti **tweġibiet xierqa għal forum differenti ta' sfruttament**. Minbarra l-azzjonijiet ġestiti direttament mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni se tagħti parir lill-Istati Membri biex jipprijoritizzaw l-azzjonijiet tagħhom kontra t-traffikar fil-programmi nazzjonali taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna, u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi f'konformità mal-prijoritajiet ta' din l-istrateġija, filwaqt li jitqiesu l-kuntest u l-ħtiġijiet nazzjonali. Il-ffinanzjament għar-riċerka dwar is-sigurtà ta' Orizzont Ewropa se jikkontribwixxi wkoll għall-prijoritajiet ta' din l-istrateġija. L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jista' jintuża biex jappoġġa l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija mill-Istati Membri.

Sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu lejn l-Ewropa u barra minnha, se jiġi mmobilizzat finanzjament tematiku u ġeografiku tal-UE skont il-prijoritajiet ta' din l-istrateġija, filwaqt li tingħata attenzjoni speċifika (i) lid-dimensjoni tal-ġeneru, (ii) lill-koordinazzjoni tad-donaturi, (iii) lis-sjieda lokali u (iv) lill-appoġġ għall-

²³ Ara eżempji fi: Studju dwar ir-Rieżami tal-funzjonament tal-Mekkaniżmu Nazzjonali u Tranżnazzjonali ta' Riferiment (2020), il-proġett TACT żviluppat mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM). Għall-mekkaniżmu tranżnazzjonali ta' riferiment tal-Istati tal-Baħar Baltiku: <https://bsr-trm.com//>.

²⁴ Dawn l-azzjonijiet se jiġu ffinanzjati mill-Fond għas-Sigurtà Interna.

²⁵ Studju dwar ir-Rieżami komprensiv tal-politika dwar il-proġetti tat-traffikar iffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea (2016).

organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għall-atturi u l-attivisti lokali; (v) l-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni speċjali tat-tfal migranti²⁶.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Tappoġġa aktar lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-Direttiva Kontra t-Traffikar, inkluż permezz ta' finanzjament dedikat, b'mod partikolari fir-rigward tal-aspetti speċifiċi għall-ġeneru u dawk sensitivi għat-tfal;
- Tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva Kontra t-Traffikar bħala kwistjoni ta' prijorità billi tuża s-setgħat tagħha mogħtija mit-Trattati, inkluż il-ksur kif xieraq;
- Tniedi studju għall-evalwazzjoni tad-Direttiva Kontra t-Traffikar, u abbażi tal-eżitu tal-evalwazzjoni, tikkunsidra li tirrieżamina d-direttiva;
- Tiżgura finanzjament xieraq għall-ġlieda kontra t-traffikar ġewwa l-UE u barra minnha.

3. It-tnaqqis tad-domanda li trawwem it-traffikar

Fl-aħħar mill-aħħar, il-gruppi tal-kriminalità organizzata joperaw abbażi tal-prinċipju ekonomiku bażiku ta' **domanda għolja li tixpruna** l-attivitajiet tagħhom. Id-domanda trawwem il-forom kollha ta' sfruttament tal-persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli, li t-traffikanti jieħdu vantaġġ minnhom b'mod partikolari f'setturi b'riskju għoli u f'ambjenti b'riskju għoli²⁷. Dan min-naħa tiegħu jwassal għal introjtu kbir għall-gruppi tal-kriminalità organizzata u għal dawk li jieħdu vantaġġ u jibbenefikaw mill-isfruttament tal-ġisem, is-servizzi u x-xogħol tal-vittmi ttraffikati. Il-profitt annwali globali stmat mit-traffikar tal-bnedmin kien jammonta għal EUR 29,4 biljun fl-2015²⁸. Fl-UE, f'sena waħda, id-dħul kriminali mit-traffikar għall-isfruttament sesswali, li huwa l-għan prevalenti tat-traffikar, huwa stmat li jilħaq madwar EUR 14-il biljun²⁹. Dan l-ammont ma jqisx it-traffikar għax-xogħol u forom oħra ta' sfruttament. Għalhekk, it-tnaqqis tad-domanda b'mod effettiv huwa essenzjali biex it-traffikanti jiġu mċaħħda mill-qligħ finanzjarju tagħhom u b'hekk jiġi żgurat li r-reat ma jrendix.

L-iskoraġġiment tad-domanda bħala parti mill-miżuri ta' prevenzjoni huwa indirizzat fid-Direttiva Kontra t-Traffikar, li tistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw il-**kriminalizzazzjoni tal-użu konsapevoli ta' servizzi sfruttati minn persuni traffikati**. Madankollu, id-deċiżjoni finali titħalla f'idejn l-Istati Membri. Dan wassal għal xenarju legali varjat madwar

²⁶ Ara r-referenza għall-vulnerabbiltà partikolari tat-tfal migranti għat-traffikanti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti, COM(2017) 211 final, 12.4.2017.

²⁷ Fil-każ tal-isfruttament sesswali, il-prostituzzjoni, is-servizzi ta' akkumpanjament, il-ħwienet li joffru servizzi ta' massaġġi, il-bars u n-nightclubs huma ambjenti b'riskju għoli. Fil-każ tat-traffikar tal-ħaddiema, dawn l-ambjenti jistgħu jinkludu: is-settur agrikolu, il-kostruzzjoni, l-ospitalità, is-settur tat-tindif, ix-xogħol domestiku, il-forestrija, it-tessuti u l-ħwejjeġ, il-manifattura tal-ikel. Għal aktar dettalji: COM(2020) 661 final, 20.10.2020 u SWD(2020) 226 final, 20.10.2020; L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, "Severe labour exploitation: workers moving within or into the European Union" (2015) u ċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, ir-Raba' Rapport Annwali, Europol 2020.

²⁸ Europol (2015), The trafficking in human beings financial business model, hawn: <https://www.europol.europa.eu/publications-documents/trafficking-in-human-beings-financial-business-model>

²⁹ Studju dwar l-Immappjar tar-riskju ta' infiltazzjoni tal-kriminalità serja u organizzata f'negozji leġittimi, Marzu 2021, DR0221244ENN, <https://data.europa.eu/doi/10.2837/64101>.

L-UE fejn l-impjegaturi u l-utenti jiffaċċaw konsegwenzi differenti meta jimpjegaw jew jużaw il-ġisem, ix-xogħol u s-servizzi ta' persuni traffikati. L-għadd dejjem jikber ta' vittmi³⁰ jindika sitwazzjoni li qed tmur għall-ahgar u jitlob rispons aktar b'saħħtu u armonizzat biex titnaqqas id-domanda illeċita għal servizzi sfruttati ta' vittmi ttraffikati. Minħabba n-natura serja u estensiva ta' dan ir-reat madwar l-UE u x-xenarji legali differenti, li jxekklu l-isforzi biex titnaqqas id-domanda, il-kriminalizzazzjoni tal-użu konsapevoli ta' servizzi u prodotti sfruttati mill-vittmi jenħtieġ li tiġi analizzata bir-reqqa. Għalhekk, bħala parti mill-evalwazzjoni tad-Direttiva Kontra t-Traffikar, il-Kummissjoni se twettaq valutazzjoni dwar il-possibbiltà li jkun hemm regoli minimi tal-UE li jikkriminalizzaw l-użu ta' servizzi sfruttati ta' vittmi tat-traffikar.

Il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji tat-traffikar huma mezzi importanti biex **jiġi identifikat u evitat** ir-reat. Dawn jgħinu biex jagħmlu l-pubbliku, l-impjegaturi u l-utenti tas-servizzi tal-vittmi konxji mit-traffikar. Dawn il-kampanji jitmexxew l-aħjar f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili. Għalhekk, il-Kummissjoni se torganizza kampanja ta' komunikazzjoni, flimkien mal-Istati Membri u mas-soċjetà ċivili, immirata lejn setturi b'riskju għoli u ambjenti b'riskju għoli, inkluż għall-isfruttament sesswali.

L-isfruttament tal-ħaddiema jikkonċerna 15 % tal-vittmi kollha tat-traffikar fl-Unjoni Ewropea, b'għadd dejjem jikber ta' vittmi jibqgħu mhux identifikati. Sabiex jitnaqqsu dawn in-numri, ir-rispons tal-ġustizzja kriminali fir-rigward tat-**traffikar għall-isfruttament tal-ħaddiema** jenħtieġ li jissaħħaħ. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jiġu mħeġġa jintensifikaw l-isforzi konġunti mal-**ispetturi tax-xogħol u/jew partijiet soċjali** u l-aġenziji tal-UE b'mod partikolari mal-Europol u fil-mandat tagħha mal-**Awtorità Ewropea tax-Xogħol** biex iwettqu spezzjonijiet miftiehma u konġunti f'setturi b'riskju għoli biex jiġu identifikati l-vittmi u l-isfruttaturi tagħhom. Kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri u atturi oħra permezz tal-**Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat**³¹, dalwaqt fi ħdan l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, se tgħin biex tibni l-għarfien u turi l-prattiki trasferibbli, inkluż biex jiġu identifikati vittmi ttraffikati għall-isfruttament tax-xogħol. It-trawwim tal-iżvilupp ta' **inizjattivi pubbliċi-privati** ma' negozji f'setturi b'riskju għoli u ambjenti b'riskju għoli, anki billi jiġi involut il-livell reġjonali u lokali, se jappoġġa l-isforzi biex tiżdied id-detezzjoni tal-vittmi tat-traffikar u r-rappurtar tar-reat lill-awtoritajiet.

L-impjegaturi jistgħu jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis tad-domanda għal servizzi ta' vittmi tat-traffikar sfruttati. Li wieħed isib impjieg fl-UE mingħajr l-istatus legali meħtieġ huwa wieħed mill-muturi ewlenin għall-kuntrabandu kif ukoll għat-traffikar lejn l-UE.³² Id-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi³³ tipprojbixxi l-impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti b'mod irregolari, inklużi l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. Hija tistabbilixxi standards minimi dwar sanzjonijiet u miżuri oħra li għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri kontra impjegaturi li jiksru d-Direttiva. Din is-sena, il-Kummissjoni se tivvaluta kif issaħħaħ l-effettività tad-Direttiva u tevalwa l-ħtieġa għal aktar azzjoni.

³⁰ FI-EU-27: 13 461 fl-2015 u l-2016 u 14 145 fl-2017 u l-2018.

³¹ <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1299&langId=mt>.

³² Għad-definizzjonijiet u l-interrelazzjoni bejn it-traffikar u l-kuntrabandu, ara r-Rapport: Kuntrabandu u traffikar: drittijiet u intersezzjonijiet, https://ec.europa.eu/anti-trafficking/sites/antitrafficking/files/smuggling_and_trafficking_rights_and_intersections_1.pdf

³³ Id-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illeġali, ĠU L 168, 30.6.2009.

In-**negozji** f'ċerti setturi – bħall-ospitalità, il-ħwejjeġ, is-sajd, l-agrikoltura u l-kostruzzjoni – jistgħu jiddependu mill-forza tax-xogħol ta' persuni li jinsabu f'sitwazzjoni vulnerabbli. Għalhekk dawn għandhom rwol importanti x'jiżvolgħu u jenħtiegħ li jieħdu miżuri kontra l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Dan jinkludi l-iskoraġġiment tad-domanda billi jiġi żgurat li l-oġġettivi kontra t-traffikar jiġu inkorporati fil-politiki tagħhom, li jistgħu jinkisbu permezz ta' **ġestjoni responsabbli tal-ktajjen ta' provvista globali tal-prodotti u d-diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem**. L-inizjattiva leġislattiva li jmiss tal-Kummissjoni dwar il-governanza korporattiva sostenibbli, li tippredvi dmiir ta' diliġenza mill-kumpaniji, hija waħda mill-inizjattivi ewlenin tal-UE biex tippromwovi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. L-istituzzjonijiet pubbliċi għandhom ukoll rwol x'jiżvolgħu fl-iżgurar li l-akkwist pubbliku jinċentiva t-trasparenza u d-diliġenza dovuta fil-ktajjen tal-provvista. Il-gwida li jmiss tal-Kummissjoni dwar l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli se tipprovdi indikazzjonijiet dwar kif għandhom jintlaħqu dawn l-oġġettivi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill talab lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod effettiv il-**Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem** u l-**Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU** biex jingħelbu t-tħaddim tat-tfal u x-xogħol sfurzati kif ukoll it-traffikar tal-bniedem fil-ktajjen tal-provvista globali.³⁴

Bħala parti mill-**politika kummerċjali l-ġdida tal-UE**³⁵, il-Kummissjoni se tistabbilixxi ktajjen tal-valur sostenibbli u responsabbli dwar id-diliġenza dovuta obbligatorja, inklużi azzjoni u mekkaniżmi ta' infurzar effettivi biex jiġi żgurat li x-xogħol furzati ma jsib l-ebda post fil-ktajjen tal-valur tal-kumpaniji tal-UE. L-UE se taħdem ukoll biex iżżid l-isforzi biex tiżgura li l-ktajjen tal-provvista tal-kumpaniji tal-UE jkunu ħielsa mit-tħaddim tat-tfal. Il-Kummissjoni se tipprovdi gwida biex tqajjem kuxjenza fost in-negozji tal-UE fit-teħid tal-miżuri xierqa, ibbażati fuq ir-riskju, f'konformità mal-linji gwida u l-prinċipji internazzjonali tad-diliġenza dovuta.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Tivvaluta l-possibbiltà li jiġu mmodifikati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Kontra t-Traffikar dwar il-kriminalizzazzjoni tal-użu ta' servizzi sfruttati mill-vittmi tat-traffikar;
- Tivvaluta kif tista' tissaħħaħ l-effettività tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar;
- Tressaq proposta leġislattiva dwar governanza korporattiva sostenibbli biex titrawwem imġiba korporattiva sostenibbli u responsabbli fit-tul;
- Tipprovdi gwida dwar id-diliġenza dovuta tax-xogħol furzati f'konformità mal-linji gwida u l-prinċipji internazzjonali dwar id-diliġenza dovuta;
- Torganizza kampanja ta' prevenzjoni, li ssir flimkien mal-Istati Membri u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li timmira lejn setturi b'riskju għoli u ambjenti

³⁴ Ara SWD(2017) 147 final, 24.4.2017; il-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar ir-rapportar mhux finanzjarju jsaħħu t-trasparenza tan-negozju dwar kwistjonijiet soċjali u ambjentali (C/2017/4234; ĠU C 215, 5.7.2017, p. 1–20); Mozzjoni għal Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Governanza korporattiva sostenibbli (2020/2137(INI); Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u x-Xogħol Deċenti fil-Ktajjen Globali tal-Provvista, 13512/20, l-1 ta' Diċembru 2020.

³⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021) 66 final, 18.2.2021.

b'riskju għoli;

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex:

- Ikompli jiffukaw fir-risponsi tal-ġustizzja kriminali u fl-inizjattivi ta' prevenzjoni tagħhom fuq il-forom kollha ta' sfruttament, inkluż fuq it-traffikar għall-isfruttament sesswali,
- Jużaw bis-sħiħ l-appoġġ tal-aġenziji rilevanti tal-UE (bħall-Europol, il-Eurojust, is-Cepol u l-Frontex) u jtejbu l-bini tal-kapaċitajiet tal-atturi operazzjonali tagħhom, inkluż biex jidentifikaw vittmi potenzjali tat-traffikar;
- Itejbu l-kapaċità tal-ispezzjonijiet tax-xogħol u/jew tas-sħab soċjali u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn diversi aġenziji għall-identifikazzjoni ta' vittmi ttraffikati għall-isfruttament tal-ħaddiema u għat-tressiq tal-awturi quddiem il-ġustizzja;
- Jikkooperaw mal-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari mal-Europol, u fil-mandat tagħha mal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol biex jiġġieldu l-isfruttament tal-ħaddiema;
- Jiżviluppaw aktar inizjattivi pubbliċi-privati ma' negozji f'setturi b'riskju għoli u ambjenti b'riskju għoli;
- Jippromwovu inizjattivi dwar id-diliġenza dovuta fil-katina tal-provvista globali tal-prodotti.

4. Inkissru l-mudell kriminali biex inwaqqfu l-isfruttament tal-vittmi

Il-gruppi tal-kriminalità organizzata li jittraffikaw il-persuni huma networks kriminali strutturati sew u professjonali, li joperaw ukoll fuq livell internazzjonali. Huma jaħdmu b'kompiti speċjalizzati, inklużi r-reklutaġġ, it-trasport, il-provvista ta' klijenti, l-għassa tal-vittmi, jew l-organizzazzjoni ta' akkomodazzjoni u ikel għall-vittmi. Il-vjolenza, it-theddid, il-manipulazzjoni u l-qerq jintużaw għar-reklutaġġ u l-isfruttament tal-vittmi. Dawn il-gruppi spiss ikunu involuti fil-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, il-frodi tad-dokumenti, u reati serji oħra li jappoġġaw l-attivitajiet ewlenin tagħhom³⁶. Il-“micro networks” joperaw prinċipalment fil-qasam tal-isfruttament sesswali fejn it-tħaddim furzat fil-prostituzzjoni jitwettagħ fi gruppi żgħar ta' mhux aktar minn ħames persuni jew fuq bażi individwali.

Il-ġbir tad-*data* tal-Kummissjoni Ewropea jagħmel id-*data* fil-livell tal-UE dwar it-traffikar disponibbli sa mill-2008. It-titjib ulterjuri tar-**reġistrazzjoni tad-*data* u r-rapportar tad-*data*** madwar l-Istati Membri tal-UE dwar it-traffikanti u dwar il-vittmi, in-nazzjonalità, il-ġeneru, l-età u l-forom ta' sfruttament tagħhom se jgħin biex il-politiki jiġu mmirati u infurmati aħjar. Kooperazzjoni addizzjonali bejn l-istituti nazzjonali tad-*data* tista' tiffaċilita u ttejjeb ir-rapportar tad-*data*. Din tista' tinvolvi biċċiet oħra ta' informazzjoni bħal aktivitajiet kriminali relatati mat-traffikar u informazzjoni dwar ir-rotot tat-traffikar.

4.1 Mezzi operazzjonali effettivi kontra l-mudell kummerċjali kriminali

Il-gruppi tal-kriminalità organizzata speċjalizzati fit-traffikar qed jisfruttaw dejjem aktar in-**negozji legali** (bħal lukandi, nightclubs u ħwienet tal-massaġġi) fl-operazzjonijiet tagħhom, pereżempju billi jirreklutaw ħaddiema, jinvolvu ruħhom f'relazzjoni kuntrattwali fil-pajjiż

³⁶ SWD(2020) 226 final, 20.10.2020, Rapport Annwali tal-Attività tal-EMSC (Europol, 2019), UNODC, Global Report on Trafficking in Persons, 2020 (2021), Studju dwar l-Immappjar tar-riskju ta' infiltrazzjoni tal-kriminalità serja u organizzata f'negozji leġittimi.

tal-oriġini u jittrasferuhom lejn il-pajjiż tal-isfruttament³⁷. Sabiex jiġi mfixxkel il-mudell kummerċjali kriminali tat-traffikar, l-Istati Membri huma mħeġġa jużaw l-għodod u l-approċċi speċifikati fir-rigward tal-prijorità tal-Istrateġija tal-UE biex tiġi Indirizzata l-Kriminalità Organizzata 2021-2025 dwar it-tneħħija tal-profitti tal-kriminalità organizzata u l-evitar tal-infiltrazzjoni fl-ekonomija u s-soċjetà legali. Dan jinkludi l-użu sistematiku ta' investigazzjonijiet finanzjarji fl-investigazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi kif ukoll l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' qafas robust biex jiġu identifikati, maqbuda u kkonfiskati l-assi kriminali³⁸. Barra minn hekk, l-assi rkuprati jistgħu jintużaw biex jikkumpensaw lill-vittmi u għall-appoġġ lill-vittmi kif ukoll għall-attivitajiet transfruntiera ta' infurzar tal-liġi kontra t-traffikar, li diġà huma mħeġġa permezz tad-Direttiva Kontra t-Traffikar.

L-azzjonijiet operazzjonali tal-Istati Membri, bl-appoġġ tal-aġenziji tal-UE, iġibu riżultati konkreti³⁹ fil-qafas tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT)⁴⁰. Il-Europol jiffaċilita u jappoġġa l-investigazzjonijiet finanzjarji u mmexxija mill-intelligence tal-Istati Membri u jappoġġa l-kooperazzjoni operazzjonali transfruntiera effettiva, anki permezz tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta u jiem ta' azzjoni konġunta.

4.2 L-indirizzar tal-kultura ta' impunità permezz tal-bini tal-kapaċitajiet għal rispons robust tal-ġustizzja kriminali

L-għadd baxx ta' prosekuzzjonijiet u kundanni tat-traffikanti⁴¹ għadu jfisser li t-traffikar huwa reat b'riskju baxx u bi profitt għoli. Biex tinkiser il-katina tat-traffikar, **rispons robust tal-ġustizzja kriminali** huwa kruċjali sabiex jitwettqu investigazzjonijiet, prosekuzzjoni u kundanni effettivi, filwaqt li titqies, fost l-oħrajn, in-natura speċifika għall-ġeneru tar-reat. Dan jirrikjedi l-bini ta' għarfien espert u l-assenjazzjoni ta' esperti u dipartimenti jew unitajiet speċjalizzati għat-traffikar tal-bnedmin fost l-awtoritajiet kompetenti fil-livell nazzjonali u lokali.

L-attivitajiet kriminali qed jevolvu malajr. Dan jitleb li l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura jżommu l-pass mal-ħiliet, il-kapaċitajiet u l-għarfien dwar l-għodod, is-servizzi u t-teknoloġiji disponibbli. L-Istrateġija tal-UE biex tiġi Indirizzata l-Kriminalità Organizzata 2021-2025 tiddefinixxi l-oġettivi, l-azzjonijiet u l-atturi għat-titjib tal-aċċess għall-ħiliet, l-għarfien u l-għarfien espert operazzjonali. F'dan il-kuntest, bil-għan li jtkisser il-mudell kriminali tat-traffikar ta' vittmi għall-isfruttament, jenħteġ li jissaħħu l-isforzi għall-**bini tal-kapaċitajiet**.

It-**taħriġ** sistematiku tal-**prattikanti tal-infurzar tal-liġi u tal-ġustizzja** dwar elementi speċifiċi tar-reat kif ukoll dwar eżerċizzji prattiċi bbażati fuq simulazzjoni minn diversi partijiet ikkonċernati biex jiġu ttestjati l-proċeduri fl-immaniġġjar ta' każijiet ta' traffikar se jżid il-professjonaliżmu u l-koordinazzjoni fl-indirizzar tal-każijiet u se jiżgura segwitu xieraq. Dawn l-attivitajiet ta' taħriġ huma mħeġġa jiffukaw fuq il-karatteristiċi speċifiċi tat-

³⁷ Studju dwar l-Immappjar tar-riskju ta' infiltrazzjoni tal-kriminalità serja u organizzata f'negozji leġittimi.

³⁸ Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-investigazzjonijiet finanzjarji fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, 8927/20, is-17 ta' Ġunju 2020.

³⁹ Pereżempju fl-2019, azzjonijiet bħal dawn irriżultaw fi 825 arrest, 8 824 persuna suspettata u 1 307 vittmi potenzjali, inkluż 69 tifel u tifla identifikati, 94 grupp tal-kriminalità organizzata (OCGs) li ġew identifikati jew żarmati u EUR 1,5 miljun f'assi ffriżati f'kontijiet bankarji, kumpaniji u dominji tal-web, fuq:

<https://www.consilium.europa.eu/media/44281/information-note-empact.pdf>;

<https://newsroom.consilium.europa.eu/videos/127612-empact-2019-results-20200602> u

<https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7623-2020-INIT/en/pdf>.

Mill-2010, it-traffikar tal-bnedmin kien prijorità tal-kriminalità tal-UE fil-qafas ta' politika tal-UE dwar il-kriminalità serja u organizzata.

⁴¹ Fl-2017-2018 kien hemm 6 163 prosekuzzjoni u 2 426 kundanna fl-UE għar-reati tat-traffikar tal-bnedmin. COM(2020) 661 final, 20.10.2020.

traffikar għal forom differenti ta' sfruttament (xogħol sesswali u furzat, kriminalità furzata, talb ta' elemosina sfurzat, traffikar tat-tfal), id-dinamika kumplessa bejn it-traffikar tal-bnedmin u attivitajiet illeċiti oħra, metodi għad-detezzjoni tar-reat u tal-aspetti finanzjarji tiegħu, ir-rwol u l-użu tal-internet u tal-midja soċjali, kif ukoll fuq l-iżvilupp ta' ħiliet fil-ġestjoni tal-investigazzjonijiet u t-trasferiment tagħhom lejn prosekuzzjonijiet (ġbir ta' evidenza, intervisti lill-vittmi, protezzjoni tal-vittmi, kooperazzjoni tranżnazzjonali). Minbarra t-taħriġ speċjalizzat għall-infurzar tal-liġi li jaħdem fuq każijiet ta' traffikar, it-taħriġ lil uffiċjali oħra tal-infurzar tal-liġi li jaħdmu f'oqsma oħra ta' kriminalità kif ukoll it-taħriġ għall-ġudikatura huwa meħtieġ ukoll biex jiżdedu d-detezzjoni u r-rappurtar u biex jitjieb l-immaniġġjar ta' każijiet ta' traffikar.

Sabiex jitqiesu l-**perspettiva u l-ħtiġijiet tal-vittmi**, it-taħriġ jenħtieġ li jsir f'ambjent b'diversi partijiet ikkonċernati, inkluż, fost l-oħrajn, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ġudizzjarji, is-soċjetà ċivili, il-ħaddiema soċjali, il-prattikanti tal-protezzjoni tat-tfal, il-fornituri tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika għall-bini tal-kapaċitajiet tal-pulizija, tal-ispetturi tax-xogħol, tal-gwardji tal-fruntieri, tal-prosekuturi u tal-imħallfin dwar kif jaħdmu mal-vittmi matul il-proċedimenti kriminali, dwar l-identifikazzjoni ta' sinjali li wieħed ikun vittma tat-traffikar u dwar ir-riferiment tal-vittmi għal servizzi ta' appoġġ, f'konformità mal-proċeduri applikabbli. Il-każijiet li jinvolvu tfal vittmi tat-traffikar jirrikjedu uffiċjali mħarrġa li huma konxji tal-vulnerabbiltajiet partikolari tat-tfal vittmi u li huma mħarrġa sew dwar id-drittijiet tat-tfal u l-ħtiġijiet ta' protezzjoni matul il-proċedimenti kriminali.

It-taħriġ tal-professjonisti tal-ġustizzja dwar l-istrumenti disponibbli ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fil-liġi kriminali se jikkontribwixxi għall-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji kif ukoll atturi rilevanti oħra, bħall-ispetturi tax-xogħol jew is-sħab soċjali.

Il-Kummissjoni se tiffinanzja u tikkordina miżuri ta' bini tal-kapaċitajiet għall-infurzar tal-liġi f'kooperazzjoni transfruntiera u tranżnazzjonali, pereżempju permezz ta' eżerċizzji ta' simulazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tiffaċilita, flimkien mal-Eurojust, il-ħolqien ta' grupp fokus ta' prosekuturi speċjalizzati kontra t-traffikar tal-bnedmin, bil-ħsieb li tiġi intensifikata l-kooperazzjoni ġudizzjarja. Dawn l-azzjonijiet se joħolqu opportunitajiet għal aktar infurzar tal-liġi u kooperazzjoni ġudizzjarja u se jwasslu wkoll għall-iżvilupp ta' gwida għall-ħidma tagħhom.

4.3 L-indirizzar tal-mudell kummerċjali diġitali tat-traffikanti

Il-gruppi tal-kriminalità organizzata **jadattaw malajr il-modus operandi u l-mudell kummerċjali tagħhom** għax-xejriet dejjem jinbidlu tad-domanda. Matul il-pandemija tal-COVID-19, it-traffikanti ċaqilqu dejjem aktar għal fuq l-internet kull fażi tat-traffikar. Dawn jużaw l-isparju diġitali fir-reklutaġġ u fl-isfruttament tal-vittmi, fl-organizzazzjoni tat-trasport u l-akkomodazzjoni tagħhom, fir-reklamar online tal-vittmi u fl-ilħuq ta' klijenti potenzjali, fil-kontroll tal-vittmi, fil-komunikazzjoni bejn l-awturi u fl-ħabi tar-rikavat tal-kriminalità.⁴² It-teknoloġija wessgħet il-kapaċità tal-kriminali li jittraffikaw il-bnedmin għal tipi differenti ta' sfruttament, b'mod partikolari għal sfruttament sesswali, iżda wkoll għal sfruttament tal-ħaddiema, it-teħid ta' organi, l-adozzjoni illegali ta' tfal u żwiġijiet sfurzati. It-tfal jinsabu f'riskju partikolari li jisfaw vittmi tat-traffikanti online. Filwaqt li l-kriminali

⁴² Europol, "The challenges of countering human trafficking in the digital era" (2020). Ara wkoll COM(2020) 661 final, 20.10.2020 u SWD(2020)226 final, 20.10.2020 u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, 2020/2029(INI).

rnexxielhom jieħdu vantaġġ mill-aktar kapaċitajiet riċenti offruti fl-era diġitali, l-infurzar tal-liġi qed iħabbat wiċċu ma' sfidi kbar biex iżomm il-pass, inkluż l-identifikazzjoni ta' sinjali ta' sfruttament fid-daqs dejjem jikber tar-reklami online u l-kisba ta' evidenza diġitali kruċjali⁴³.

L-isfidi maħluqa mill-era **diġitali għall-korpi tal-infurzar tal-liġi u daww għudizzjarji** fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin jenħtieġ li jiġu indirizzati f'konformità mal-prijorità orizzontali tal-Istrateġija tal-UE biex Tindirizza l-Kriminalità Organizzata 2021-2025 relatata mar-rispons modern tal-infurzar tal-liġi għall-iżviluppi teknoloġiċi. Il-Europol jista' jappoġġa t-tisħiħ tal-identifikazzjoni tal-kontenut tal-internet użat mit-traffikanti. L-aħjar użu tat-teknoloġija u l-użu tal-evidenza diġitali jistgħu jtaffu s-sitwazzjoni tal-vittmi fil-proċedimenti kriminali. Pereżempju, ikun hemm inqas bżonn li wieħed jiddependi mix-xhieda tal-vittmi jekk jinstabu tipi oħra ta' evidenza u l-vittmi jevitaw it-trauma li jiffaċċjaw it-traffikanti tagħhom fil-qorti.

Minbarra l-obbligi diġà eżistenti għall-pjattaformi biex ineħħu l-kontenut illegali skont id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku, kif imsaħħa mill-proposta għall-Att dwar is-Servizzi Diġitali⁴⁴, il-Kummissjoni se twettaq **djalogu mal-kumpaniji tal-internet u tat-teknoloġija rilevanti** biex tnaqqas l-użu ta' pjattaformi online għar-reklutaġġ u l-isfruttament tal-vittmi. Il-Kummissjoni se takkumpanja wkoll djalogi simili possibbli li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali. Il-fornituri tas-servizzi tal-internet u l-kumpaniji relatati huma parti mis-soluzzjoni biex jappoġġaw l-isforzi kontra t-traffikar b'identifikazzjoni proattiva u t-tneħħija ta' materjal online assoċjat mal-isfruttament u l-abbuż ta' vittmi traffikati⁴⁵. Il-kooperazzjoni mas-settur privat hija għalhekk imħeġġa biex jiġu sfruttati l-innovazzjoni u l-għarfien espert għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq it-teknoloġija biex jappoġġaw il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Aktivitajiet ta' prevenzjoni u ta' sensibilizzazzjoni dwar l-użu sikur tal-internet u tal-midja soċjali, fost l-oħrajn, jistgħu jikkontribwixxu aktar għall-mitigazzjoni tar-riskju tat-traffikar tat-tfal.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Ttejjeb ir-reġistrazzjoni tad-*data* u l-ġbir tad-*data* dwar it-traffikar tal-bnedmin biex tiżgura informazzjoni affidabbli u komparabbli għal politiki mfassla apposta;
- Tiffaċilita l-ħolqien ta' grupp fokus ta' prosekuturi speċjalizzati kontra t-traffikar tal-bnedmin;
- Ittejjeb il-koordinazzjoni tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi f'każijiet transfruntiera u internazzjonali u tappoġġa reazzjonijiet koordinati minn diversi partijiet ikkonċernati, inkluż permezz ta' finanzjament ta' eżerċizzji ta' simulazzjoni;
- Issaħħaħ l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni għudizzjarja bejn l-Istati Membri permezz ta' proġetti operazzjonali konkreti fl-ambitu tal-Fond għas-Sigurtà Interna;
- Twettaq djalogu mas-settur privat u l-industrija diġitali u tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki bl-appoġġ tal-aġenziji tal-UE.

⁴³ Europol, Rapport ta' Valutazzjoni tat-Theddid Serju u Organizzat tal-UE tal-2021 (EU SOCTA), 12 ta' April 2021

⁴⁴ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/digital-services-act-package>.

⁴⁵ COM(2020) 661 final, 20.10.2020.

L-Istati Membri huma mistiedna:

- Itejbu r-reġistrazzjoni tad-*data* nazzjonali tagħhom u l-ġbir tad-*data* dwar it-traffikar tal-bnedmin;
- Jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti għall-kooperazzjoni operazzjonali, bħal skwadri ta' investigazzjoni konġunti, b'appoġġ mill-Europol u jwettqu kooperazzjoni operazzjonali fil-qafas tal-EMPACT;
- Jiskambjaw b'mod sistematiku *data* dwar investigazzjonijiet dwar it-traffikar tal-bnedmin bl-appoġġ tal-Europol;
- Itejbu l-kapaċitajiet diġitali tal-infurzar tal-liġi u l-għarfien espert biex ilaħħqu mal-iżviluppi teknoloġiċi.

5. Il-protezzjoni, l-appoġġ u l-għoti tas-setgħa lill-vittmi, speċjalment lin-nisa u l-tfal

It-traffikar tal-bnedmin huwa ksur serju tad-drittijiet fundamentali, li jikkawża tbatija kbira u ħsara dejjiema lill-vittmi. Minbarra l-azzjonijiet komprensivi tal-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020-2025)⁴⁶ u l-istrateġija komprensiva tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal⁴⁷, din l-Istrateġija tipproponi miżuri biex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. **It-traffikar għall-isfruttament sesswali**⁴⁸ – li huwa l-aktar forma prevalenti ta' sfruttament – huwa forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, li għandha l-għeruq tagħha fl-inugwaljanzi bejn il-ġeneri. Bosta fatturi jżidu l-vulnerabbiltà tan-nisa u l-bniet għat-traffikar, inklużi l-inugwaljanza bejn il-ġeneri, il-faqar, l-esklużjoni soċjali, l-etniċità, u d-diskriminazzjoni⁴⁹. Id-*data* fil-livell tal-UE tenfasizza d-dimensjoni tal-ġeneru tar-reat. Kważi tliet kwarti (72 %) tal-vittmi kollha fl-UE u 92 % tal-vittmi ttraffikati għall-isfruttament sesswali huma **nisa u bniet**. Kważi kwart tal-vittmi kollha tat-traffikar huma **tfal**. Il-biċċa l-kbira tal-vittmi tfal huma ċittadini tal-UE u traffikati għall-isfruttament sesswali,⁵⁰ it-tfal migranti, u b'mod partikolari t-tfal migranti mhux akkumpanjati, huma wkoll partikolarment vulnerabbli għat-traffikanti⁵¹. L-azzjoni proposta tqis dawn ix-xejriet u tindirizza s-sitwazzjoni ta' gruppi vulnerabbli oħra, u l-intersezzjoni bejniethom, inklużi l-persuni LGBTIQ, il-persuni b'diżabbiltà⁵² u l-persuni minn kuntesti ta' minoranza etnika, bħal dawk li jappartjenu għal komunitajiet Rom emarġinati. In-nisa żgħażaġh u l-minorenni mill-komunitajiet Rom huma partikolarment vulnerabbli għall-isfruttament u t-traffikar⁵³

⁴⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020-2025), COM (2020) 258 final, 24.6.2020.

⁴⁷ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, COM (2021) 142 final, 24.3.2021.

⁴⁸ FI-2017-2018, 60 % tal-vittmi rreġistrati kollha kienu ġew traffikati għall-isfruttament sesswali.

⁴⁹ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (2020/2029(INI)).

⁵⁰ FI-2017 u l-2018: 78 % tat-tfal vittmi kienu bniet; 60 % tat-tfal vittmi ġew ittraffikati għall-isfruttament sesswali u tliet kwarti (75 %) tat-tfal vittmi kollha fl-UE kienu ċittadini tal-UE. It-traffikar u l-isfruttament tas-subien, speċjalment għall-isfruttament sesswali, inklużi t-tfal migranti, huwa mfakkar bħala fenomenu mhux irrapporstat biżżejjed fil-livell tal-UE.

⁵¹ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti, COM(2017) 211 final, 12.4.2017.

⁵² Fir-rigward ta' persuni b'diżabbiltà li huma wkoll partikolarment vulnerabbli għat-traffikar tal-bnedmin, il-vjolenza u l-abbuż, l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030, (COM(2021) 101 final), 3.3.2021 se ssewgi azzjonijiet fil-qasam tas-sikurezza u l-protezzjoni.

⁵³ "Child Trafficking among Vulnerable Roma Communities" (2015); https://csd.bg/fileadmin/user_upload/publications_library/files/22588.pdf.

minħabba bosta fatturi soċjoekonomiċi bħall-faqar multidimensjonali, l-anti-Żingariżmu, livelli baxxi ta' edukazzjoni, kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni prekarji, l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni⁵⁴.




Figura 3 Tqassim ta' vittmi rreġistrati tat-traffikar skont iċ-ċittadinanza tal-UE u dik mhux tal-UE fl-UE fl-2017 u l-2018

L-identifikazzjoni tal-vittmi fi stadju bikri hija kruċjali biex jiġu meġhuna, appoġġati u protetti minnufih il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u tippermetti lill-pulizija u lill-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni jinvestigaw u jikkastigaw aħjar it-traffikanti. L-uffiċjali tal-ewwel linja, bħall-gwardji tal-fruntieri, l-uffiċjali tal-pulizija, il-ħaddiema soċjali u s-servizzi tal-ispetturi huma kruċjali f'dan ir-rigward. L-involvement tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-identifikazzjoni tal-vittmi u r-riferiment tagħhom għall-appoġġ huwa sfida, bħan-nuqqas ta' taħriġ tal-professionisti f'każijiet ta' appoġġ għall-vittmi transfruntieri.⁵⁵

Biex tittejjeb is-sitwazzjoni attwali, l-identifikazzjoni bikrija proattiva tal-vittmi trid tiġi segwita minn appoġġ qawwi fl-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-vittmi. Madankollu, l-iżgurar ta' **assistenza, appoġġ u protezzjoni lill-vittmi** jibqa' sfida. Il-vittmi spiss iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex jaċċessaw id-drittijiet tagħhom. Il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom, skont il-forom ta' sfruttament li kienu soġġetti għalihom, is-sess u l-età tagħhom, ma jitqisux b'mod sistematiku. L-aċċess għall-kumpens mill-vittmi tat-traffikar huwa mfixkel minn ħafna diffikultajiet, inkluż mill-komplessità tal-proċedimenti⁵⁶. Jenħtieġ li meta jirrapportaw ir-reat, il-vittmi ma jkollhomx għalfejn jibżgħu minn ritaljazzjoni u vittimizzazzjoni sekondarja matul il-proċedimenti kriminali⁵⁷. Dawn jenħtieġ li ma jiġux ikkastigati għal reati li kienu mġiegħla jwettqu matul l-isfruttament tagħhom⁵⁸. Il-vittmi jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala detenturi tad-drittijiet, mingħajr preferenza jew preġudizzju. Barra minn hekk, l-opportunitajiet għall-vittmi biex **jibnu ħajjithom mill-ġdid** jibqgħu limitati wkoll peress li l-programmi ta' riintegrazzjoni u ta' riabilitazzjoni jeħtieġ li jiġu

⁵⁴ Fis-7 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni adottat il-qafas strateġiku tal-UE dwar ir-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni biex tiġi żgurata ugwaljanza effettiva, inklużjoni soċjoekonomika u tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-akbar minoranza etnika tal-Ewropa; COM(2020) 620 final, 7.10.2020. Dan għandu l-għan li jiġġieled il-faqar, l-anti-Żingariżmu u d-diskriminazzjoni.

⁵⁵ Studju dwar ir-Rieżami tal-funzjonament tal-Mekkaniżmu Nazzjonali u tranżnazzjonali ta' Riferiment (2020).

⁵⁶ SWD(2020) 226 final, 20.10.2020.

⁵⁷ Ara wkoll l-oġġettivi tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi 2020-2025; COM(2020)258 final, 24.6.2020.

⁵⁸ Ara s-sentenza riċenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem relatata man-nuqqas ta' kastig tal-vittmi, V.C.L. u A.N. vs ir-Renju Unit tas-16 ta' Frar 2021.

żviluppati aktar u l-opportunitajiet għal soluzzjonijiet dejjiema, bħall-inklużjoni fis-suq tax-xogħol, huma skarsi⁵⁹.

Il-Kummissjoni se **tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri** fit-titjib tal-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi, kif ukoll ir-riferiment tagħhom għas-servizzi ta' assistenza, appoġġ u protezzjoni, filwaqt li tqis il-ħtiġijiet speċjali tagħhom u l-forom ta' sfruttament li jkunu ġew soġġetti għalihom. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lit-tfal vittmi u lit-tfal f'riskju ta' traffikar, b'rappor tar sistematiku u twissijiet dwar tfal neqsin għal identifikazzjoni bikrija, proċeduri ta' riferiment imfassla apposta għat-tfal vittmi, ħa tra rapida ta' tuturi u għajnuna legali mingħajr ħlas effettiva. Il-Kummissjoni se tippromwovi attivitajiet bħal **taħriġ sensittiv għall-ġeneru u bbażat fuq id-drittijiet tat-tfal** għal professjonisti li x'aktarx jiġu f'kuntatt mal-vittmi (bħall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, l-ispetturi tax-xogħol, l-uffiċjali tal-immigrazzjoni u tal-ażil, il-gwardji tal-fruntieri, il-ħaddiema soċjali, l-appoġġ għall-vittmi jew il-persunal tal-kura tas-saħħa), l-iżvilupp ta' **linji gwida, settijiet ta' għodod u l-iskambju tal-aħjar prattiki** fost il-prattikanti biex jittejbu l-istrutturi nazzjonali u l-kooperazzjoni għall-identifikazzjoni, l-assistenza u l-appoġġ tal-vittmi, inklużi l-mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment.

F'konformità mad-Direttiva Kontra t-Traffikar, l-Istati Membri ħa du miżuri biex jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa mmirati lejn l-identifikazzjoni bikrija, l-assistenza u l-appoġġ għall-vittmi, l-hekk imsejħa mekkaniżmi ta' riferiment. Il-Kummissjoni Ewropea wettqet studju dwar il-mekkaniżmi nazzjonali u tranżnazzjonali fl-Istati Membri⁶⁰. L-istudju identifika oqsma għal aktar titjib: id-detezzjoni ta' vittmi potenzjali; id-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni xierqa, b'mod partikolari għat-tfal vittmi; it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fost l-atturi kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; u monitoraġġ aħjar tal-impatt u r-riżultati tal-miżuri fil-fażijiet kollha tar-riferiment. Filwaqt li tqis il-kooperazzjoni nazzjonali u tranżnazzjonali eżistenti, il-Kummissjoni se ssaħħa l-azzjonijiet biex ittejjeb l-appoġġ u r-riferiment tal-vittmi fil-kuntest transfruntier, lejn l-oġettiv **ta' stabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni Ewropea fir-riferiment**, bl-appoġġ tal-aġenziji rilevanti tal-UE (bħall-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u s-Cepol).

L-appoġġ lill-Istati Membri huwa offrut ukoll **mill-għaxar aġenziji tal-UE**⁶¹ li ffirmaw id-dikjarazzjoni konġunta ta' impenn ta' ħidma konġunta kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-2018. Il-Kummissjoni tikkoordina l-kooperazzjoni tagħhom, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, biex jindirizzaw l-isfidi relatati mal-vittmi tat-traffikar. Se jirrapportaw b'mod konġunt dwar ir-rwoli u l-azzjonijiet rispettivi tagħhom biex jagħmlu lill-Istati Membri aktar konxji tal-potenzjal tal-Aġenziji fl-għajnuna għall-identifikazzjoni bikrija u l-protezzjoni tal-vittmi u jinkoraġġixxu lill-Istati Membri jaħdmu aktar mill-qrib mal-aġenziji f'dan il-qasam.

⁵⁹ Studju dwar ir-Rieżami tal-funzjonament tal-Mekkaniżmu Nazzjonali u tranżnazzjonali ta' Riferiment (2020).

⁶⁰ Ibid.

⁶¹ Il-Kapijiet tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO), l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA), iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), l-Unità tal-UE għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), u l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) iffirmaw Dikjarazzjoni Konġunta ta' impenn biex jaħdmu flimkien kontra t-traffikar tal-bnedmin.

Biex jiġi indirizzat it-traffikar fil-livelli lokali, reġjonali u tranżnazzjonali u jiġu sfruttati l-istrumenti ta' finanzjament Ewropej disponibbli, il-Kummissjoni se tħeġġeġ il-**kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u lokali** rilevanti u **r-reġjuni, il-bliet u l-muniċipalitajiet**. Il-Kummissjoni se tfitteż kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mal-Kumitat tar-Reġjuni u mas-sħab rispettivi biex jiġi miġġieled it-traffikar tal-bnedmin. Is-sħubija dwar l-integrazzjoni, iffirmata mill-Kummissjoni u mill-Kumitat tar-Reġjuni⁶², se tipprovdi appoġġ għall-integrazzjoni tal-migranti kollha, inklużi ta' vittmi tat-traffikar li mhumie x ċittadin tal-UE.

Il-vittmi tat-traffikar jenħtieġ li jkollhom **aċċess għal akkomodazzjoni xierqa u sikura** li tippermettilhom jaħarbu mit-traffikanti u li tkun adattata għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom. Hemm bżonn ta' postijiet ta' kenn sikuri għat-tfal, in-nisa u l-irġiel. Postijiet ta' kenn li jilqgħu nies tal-istess sess li jipprovdu wkoll appoġġ iffukat fuq it-trauma jistgħu jgħinu b'mod effettiv l-irkupru tal-vittmi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tippermetti **appoġġ finanzjarju** mmirat għal postijiet ta' kenn għall-vittmi tat-traffikar – inkluż faċilitajiet speċjalizzati għan-nisa u t-tfal vittmi tat-traffikar – permezz tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-Fond għas-Sigurtà Interna, f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi ta' eliġibbiltà u l-kamp ta' applikazzjoni ta' kull wieħed mill-Fondi.

Il-miżuri soċjali, ekonomiċi u edukattivi huma essenzjali għall-vittmi biex **jerġgħu jintegraw fis-soċjetà**. Il-Kummissjoni se tiffaċilita u se tippromwovi programmi li jappoġġaw lill-vittmi fl-irkupru u fir-riintegrizzjoni tagħhom bħas-servizzi tas-saħħa, psikoloġiċi jew legali speċjalizzati, u se tiffaċilita l-aċċess għall-opportunitajiet ta' edukazzjoni u ekonomiċi. Il-Kummissjoni se tħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu programmi mmexxija mill-komunità u ta' mentoraġġ bejn il-pari li jinvolvu vittmi tat-traffikar, li joffru opportunitajiet għall-edukazzjoni, l-impjiegi u l-għoti tas-setgħa.

Vittmi li mhumie x ċittadini tal-UE jiffaċċjaw diffikultajiet addizzjonali. Is-sitwazzjoni partikolari tal-vittmi tat-traffikar tirrikjedi kunsiderazzjoni speċifika meta jinħarġu permessi ta' residenza. Skont ir-regoli attwali tal-UE, l-għoti ta' permess ta' residenza jista' jkun kondizzjonali fuq il-kooperazzjoni tal-vittma fil-proċedimenti kriminali⁶³. Barra minn hekk, hemm inkonsistenzi bejn l-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' perjodi ta' riflessjoni għal vittmi li mhumie x ċittadini tal-UE⁶⁴, li matulhom tiġi żgurata l-assistenza lill-vittmi. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni speċifika tal-vittmi ttraffikati fil-kuntest tat-trasferiment ta' ċittadini mhux tal-UE lejn il-pajjiż fejn waslu għall-ewwel darba⁶⁵. Il-vittmi jistgħu jsiru aċċessibbli għat-traffikanti u jkunu esposti għal riskji ta' traffikar mill-ġdid. Barra minn hekk, għat-tfal fil-migrazzjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti salvagwardji speċifiċi biex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet tagħhom, fil-proċessi rilevanti

⁶²https://ec.europa.eu/home-affairs/news/european-commission-committee-regions-partnership-integration_en

⁶³ Ara l-Artikoli 6 u 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar fi bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti, ĠU L 261, 6.8.2004. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili enfazzjaw id-differenza bejn l-għadd ta' vittmi li mhumie x ċittadini tal-UE u l-għadd ta' permessi ta' residenza maħruġa skont id-Direttiva.

⁶⁴ Skont id-Direttiva dwar il-Permess ta' Residenza tal-2004, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jingħataw perjodu ta' riflessjoni li jippermettilhom jirkupraw u jaħarbu mill-influenza tal-awturi tar-reati sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni infurmata dwar jekk jikkoperawx mal-awtoritajiet kompetenti (perjodu ta' riflessjoni).

⁶⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, ĠU L 180, 29.6.2013.

kollha.⁶⁶ Il-pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027⁶⁷ jipprovdi miżuri, inkluż għall-vittmi tat-traffikar.

Id-Direttiva tal-UE Kontra t-Traffikar tistabbilixxi **rekwiżiti minimi**, inkluż dwar l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi. Il-Kummissjoni se tivvaluta kif it-tfassil identifikat hawn fuq relatat mad-Direttiva Kontra t-Traffikar jista' jiġi indirizzat aħjar, inkluż permezz ta' dimensjoni qawwija tal-ġeneri⁶⁸ fl-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi, in-nuqqas ta' kastig tal-vittmi għal reati li kienu mgħiegħla jwettqu, u b'rabta mad-Direttiva tal-Kunsill tal-2004 dwar il-permess ta' residenza għall-vittmi tat-traffikar⁶⁹.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Issaħħaħ il-bini tal-kapaċitajiet u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki għall-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar, b'mod partikolari fost gruppi vulnerabbli, inkluż permezz ta' finanzjament apposta għat-taħriġ tal-pulizija, tal-ħaddiema soċjali, tas-servizzi tal-ispetturi, tal-gwardji tal-fruntieri;
- Tiffaċilita l-programmi ta' riintegrazzjoni u għoti ta' setgħa lill-vittmi u l-iskambji dwar l-aħjar prattiki f'dan ir-rigward;
- Issaħħaħ il-kooperazzjoni favur mekkaniżmu Ewropew ta' riferiment;
- Tippermetti appoġġ finanzjarju mmirat għall-postijiet ta' kenn speċjalizzati għall-vittmi tat-traffikar, inklużi faċilitajiet speċjalizzati għan-nisa u t-tfal ittraffikati permezz tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-Fond għas-Sigurtà Interna;
- Tiżgura finanzjament f'pajjiżi sħab mhux tal-UE lil organizzazzjonijiet mhux governattivi, ċentri ta' riżorsi tal-migranti għall-appoġġ tal-vittmi, inkluż dawk psikosoċjali tagħhom, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi għall-ġeneru u għat-tfal;
- Tiżviluppa kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mal-Kumitat tar-Reġjuni sabiex timmultiplika l-impatt tal-azzjonijiet kontra t-traffikar mas-sħab soċjali u ekonomiċi u fuq il-livell lokali u reġjonali;
- Issaħħaħ is-sħubijiet ma' pajjiżi mhux tal-UE biex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-vittmi jiġu ggarantiti matul il-passi kollha tal-proċess ta' ritorn u li dawn jirċievu assistenza u protezzjoni speċifiċi u mfassla apposta mar-ritorn, inklużi salvagwardji speċifiċi għat-tfal.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex:

- Jippromwovu taħriġ sensitiv għall-ġeneru u bbażat fuq id-drittijiet tat-tfal għall-uffiċjali u l-prattikanti kollha li x'aktarx jiġu f'kuntatt mal-vittmi.
- Jippromwovu attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn professjonisti tal-ewwel linja

⁶⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "It-tisħiħ fil-kooperazzjoni dwar ir-ritorn u r-riammissjoni bħala parti minn politika tal-UE dwar il-migrazzjoni ġusta, effettiva u komprensiva, COM (2021) 56 final, 10.2.2021.

⁶⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027, COM(2020) 758 final, 24.11.2020.

⁶⁸ Il-Kummissjoni qed issegwi l-impenji tal-Istrateġija tal-UE għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2020-2025 COM(2020) 152 final, 5.3.2020 inkluż billi tipproponi inizjattiva leġislattiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fuq in-nisa u l-vjolenza domestika.

⁶⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE, ĠU L 261, 6.8.2004.

f'setturi b'riskju għoli u ambjenti b'riskju għoli fejn jiġu sfruttati l-vittmi tat-traffikar;

- Joħolqu ambjenti sikuri għall-vittmi biex jirrapportaw ir-reati tagħhom mingħajr biża' li jiġu mħarrka għal atti li kienu mġiegħla jwettqu mit-traffikanti, u mingħajr biża' li jiġu esposti għal vittimizazzjoni sekondarja, intimidazzjoni jew ritaljazzjoni fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali;
- Itejbu l-funzjonament tal-Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment;
- Jipprovdu taħriġ lill-ħaddiema tal-kura tas-saħħa dwar il-ġestjoni tad-diversità u l-ħtiġijiet tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin li huma migranti, fl-ambitu tal-programmi tas-saħħa tal-UE;
- Jippermettu finanzjament għal programmi ta' għoti ta' setgħa mmexxija mill-komunità u ta' mentoraġġ bejn il-pari.

6. Dimensjoni internazzjonali

Fl-2020, globalment ġew identifikati 534 fluss ta' traffikar differenti u aktar minn 120 pajjiż irrapportaw vittmi minn aktar minn 140 pajjiż ta' oriġini differenti⁷⁰. It-traffikar huwa **reat tranżnazzjonali**, u kważi nofs il-vittmi identifikati fl-Unjoni Ewropea huma ċittadini mhux tal-UE, prinċipalment mill-Afrika, mill-Balkani tal-Punent u mill-Asja⁷¹. F'pajjiżi bi dħul baxx, nofs il-persuni vittmi tat-traffikar huma tfal, li l-maġġoranza tagħhom huma sfurzati jahdmu⁷². L-UE għandha għalhekk iżżid ukoll l-isforzi tagħha biex tindirizza l-ilmenti ekonomiċi u tgħin lill-familji u lill-komunitajiet isiru aktar reżiljenti għal mekkaniżmi ta' lqugħ negattivi. Il-prijoritajiet ta' din l-istrateġija, inkluż il-ksur tal-mudell kummerċjali kriminali tat-traffikanti, it-tnaqqis tad-domanda, u l-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-vittmi għandhom għalhekk japplikaw bis-sħiħ fil-kuntest tal-politiki esterni tal-UE.

Il-vittmi jiġu ttraffikati wkoll fi **flussi ta' migrazzjoni mħallta** lejn l-UE permezz tar-rotot kollha. Il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali spiss tkun marbuta ma' forom oħra ta' kriminalità organizzata, bħat-traffikar tal-bnedmin. Is-sitwazzjoni attwali tal-migrazzjoni globali u reġjonali żżid ir-riskji tat-traffikar, bit-traffikanti jabbużaw mill-proċeduri tal-ażil, inkluż billi jillegalizzaw l-istatus tagħhom stess u dak tal-vittmi tagħhom⁷³. Il-pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti skont il-**Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**⁷⁴ se jikkontribwixxi biex ifixkel in-negozju tat-traffikanti fit-trasferiment tal-vittmi għall-isfruttament lejn l-Ewropa u l-ġlieda kontra n-netwerks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni. Barra minn hekk, parti ewlenija tal-Patt hija l-istabbiliment u l-approfondiment ta' sħubijiet ma' pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni. Għalhekk huwa essenzjali li l-**kooperazzjoni u s-sħubijiet internazzjonali** jitmexxew 'il quddiem billi jsir l-aħjar użu mill-istrumenti ta' politika esterna u mill-għodod

⁷⁰ UNODC, Global Trafficking in Persons report, 2020 (2021). L-UNODC uża t-terminu "fluss" bħala kombinazzjoni ta' pajjiż ta' oriġini wieħed u destinazzjoni waħda fejn matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ġew identifikati tal-inqas ħames vittmi. Għall-flussi, id-*data* tal-2018 (jew dik l-aktar riċenti) intużat bħala s-sena ta' referenza. Għall-pajjiżi fejn id-*data* tal-2018 ma kinitx disponibbli, intużat l-aktar *data* riċenti mill-2019, l-2017 jew l-2016.

⁷¹ Il-ġbir tad-*data* dwar it-traffikar tal-bnedmin fl-UE (2020).

⁷² Global Trafficking in Persons report, 2020.

⁷³ Iċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, Ir-Raba' Rapport Annwali tal-Attività, Europol, 2020.

⁷⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, COM (2020) 609 final, 23.9.2020.

ta' kooperazzjoni u mill-finanzjament⁷⁵ sabiex tiġi kondiviża l-informazzjoni u l-intelliġenza kriminali dwar it-traffikar, ir-reati relatati u n-networks kriminali. Kooperazzjoni aktar mill-qrib tal-Istati Membri ma' pajjiżi mhux tal-UE hija ffaċilitata u appoġġata minn firxa wiesgħa ta' **strumenti tal-politika barranija tal-UE**, inkluża l-Istrateġija Globali tal-UE għall-Politika Estera u ta' Sigurtà, il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru għall-azzjoni esterna (2021-2025), il-Komunikazzjoni Konġunta "Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika". Barra minn hekk, għall-proċess tat-tkabbir u l-politika tal-vcinat tal-UE, strumenti oħra huma rilevanti bħall-Istrateġija tal-UE għall-Balkani tal-Punent, il-Komunikazzjoni Konġunta "Il-Politika tas-Sħubija tal-Lvant lil hinn mill-2020 It-tisħiħ tar-Reżiljenza - Sħubija tal-Lvant li tagħti riżultati għal kulħadd" u l-Komunikazzjoni Konġunta "Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar - Aġenda ġdida għall-Mediterran". L-approċċ tal-UE għas-sigurtà esterna fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni huwa essenzjali. Il-missjonijiet ċivili u militari skont il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni jmxexx l-isforzi biex jiġu mfixkla n-networks kriminali organizzati involuti fil-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin⁷⁶. Kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-aġenziji tal-ġustizzja u l-affarijiet interni f'dan il-qasam, kif stipulat fil-Patt ċivili dwar il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni⁷⁷, hija wkoll ta' importanza kruċjali.

Dawn l-istrumenti huma essenzjali għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Istati Membri tal-UE u **l-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu tal-vittmi**. L-involvement sistematiku tad-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi speċifiċi se jiġi ffaċilitat u se tiġi mfittxija kooperazzjoni mill-qrib mal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, fejn rilevanti u applikabbli. Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna se jkompli jkollu rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni strateġika u operazzjonali ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, billi jagħmel użu sħiħ mill-għodod esterni tiegħu, bħad-djalogi ta' livell għoli u n-network ta' esperti fil-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu/Sigurtà fid-delegazzjonijiet tal-UE. Il-kooperazzjoni ma' aġenziji tan-NU u organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, tiffinforza l-azzjonijiet fil-livell globali, b'mod partikolari mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu.

Il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri u lill-pajjiżi sħab mhux tal-UE fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali u l-Protokoll dwar it-Ttraffikar tal-Persuni, li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma partijiet għalih. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma wkoll parti mill-mekkaniżmu ta' reviżjoni li tnieda reċentement tal-implimentazzjoni tal-Protokoll tan-NU dwar it-Ttraffikar tal-Persuni. Il-Kummissjoni se tfittex kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-atturi rilevanti fir-rigward tal-Protokoll tan-NU, inkluż iżda mhux limitat għall-Grupp ta' Koordinazzjoni bejn l-Aġenziji kontra t-Ttraffikar tal-Persuni tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kummissjoni se taħdem

⁷⁵ Pereżempju, permezz tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali.

⁷⁶ Pereżempju, il-missjoni EUBAM Libya u l-operazzjoni EUNAVFOR MED IRINI.

⁷⁷ Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill u l-Istati Membri adottaw konklużjonijiet dwar l-istabbiliment ta' patt dwar id-dimensjoni ċivili tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK). Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill: <https://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2018/11/19/civilian-common-security-and-defence-policy-eu-strengthens-its-capacities-to-act/>.

ukoll mill-qrib mal-**Kunsill tal-Ewropa** u mal-Grupp ta' Esperti tiegħu dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin⁷⁸ f'konformità mal-prijoritajiet identifikati ta' din l-istrateġija.

L-azzjonijiet esterni jenħtieġ li jqisu l-**Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli** rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti li jiffukaw fuq it-traffikar tal-bnedmin⁷⁹. F'dan il-kuntest, il-**politika kummerċjali tal-UE** tippromwovi għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, inklużi d-drittijiet tal-bniedem u l-istandards tal-impjiegi. Il-Kummissjoni se tikkunsidra jekk l-istandards internazzjonali attwali kontra t-traffikar tal-bnedmin jistgħux jiġu riflessi aħjar fl-implimentazzjoni tal-**ftehimiet kummerċjali** u l-infurzar tagħhom b'mod partikolari permezz tal-użu aktar assertiv tal-klawsola tal-elementi essenzjali.

Il-Kummissjoni tilqa' r-**Reġim tas-Sanzjonijiet Globali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**⁸⁰ li ġie adottat dan l-aħħar u li jippermetti lill-Unjoni Ewropea tpoġġi fil-mira tagħha lil individwi, entitajiet u korpi b'responsabbiltà għal, involuti fi, jew assoċjati ma' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Ir-reġim tas-sanzjonijiet jippermetti lill-Kunsill jimponi projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, l-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' individwi u entitajiet elenkati fondi jew riżorsi ekonomiċi.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Tadotta Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar tal-Migranti (2021-2025);
- Iżżid il-kooperazzjoni ma' pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu ta' vittmi li mhumieq ċittadini tal-UE kif ukoll ma' sħab internazzjonali u reġjonali, inkluż l-organizzazzjonijiet internazzjonali;
- Tuża d-djalogi ddedikati dwar id-drittijiet tal-bniedem u s-sigurtà fl-involvement ma' pajjiżi sħab;
- Issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa u l-Grupp ta' Esperti tiegħu dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin;
- Tappoġġa l-ħidma sistematika tad-delegazzjonijiet tal-UE mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna f'pajjiżi speċifiċi permezz ta' komunikazzjoni, azzjoni u skambju ta' informazzjoni regolari u mmirati.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri:

- Itejbu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-intelliġenza kriminali dwar it-traffikar u reati relatati u n-networks kriminali; u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni operazzjonali u ġudizzjarja transfruntiera u internazzjonali f'pajjiżi affettwati mit-traffikar b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent, pajjiżi fil-Viċinat, l-Afrika, il-Lvant Nofsani, u l-Asja tax-Xlokk, inkluż b'appoġġ mill-aġenziji tal-UE, bħall-Europol u l-Eurojust.

⁷⁸ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa 2020-2022, 9283/20. it-13 ta' Lulju 2020.

⁷⁹ SDG 5.2 (vjolenza kontra n-nisa u l-bniet kollha); SDG 8.7 (xogħol furzat u traffikar tal-bnedmin) u SDG 16.2 (vjolenza kontra t-tfal u t-tortura tagħhom).

⁸⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem; ĠU L 410 I, 7.12.2020; u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem; ĠU L-410 I, 7.12.2020.

7. Konklużjonijiet

It-traffikar tal-bnedmin huwa reat serju u kumpless, li jaffettwa l-aktar lin-nisa u lit-tfal. Dan iġib dħul enormi għall-kriminali filwaqt li jikkawża tbatija tremenda lill-vittmi u kostijiet għoljin għas-soċjetà tagħna. Minkejja l-progress li sar matul l-aħħar deċennju biex jissaħħa ir-rispons tal-Unjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin, it-theddida tat-traffikar tibqa' kbira għal kwalunkwe persuna vulnerabbli. It-traffikar tal-bnedmin għandu impatt fuq it-tessut tas-soċjetà, l-istat tad-dritt u l-iżvilupp sostenibbli fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi sħab tagħna.

B'din l-istrateġija, il-Kummissjoni tistabbilixxi impenn imġedded u qafas ta' politika b'saħħtu għall-protezzjoni tal-individwi vulnerabbli milli jiġu ttraffikati, l-għoti tas-setgħa lill-vittmi, it-tressiq tal-awturi quddiem il-ġustizzja, u l-ħarsien tal-komunitajiet tagħna. In-nisa u t-tfal huma fiċ-ċentru ta' dan l-impenn.

Il-prijoritajiet u l-azzjonijiet stabbiliti f'din l-istrateġija se jiġu implimentati fil-perjodu mill-2021 sal-2025. Sadanittant, il-Kummissjoni se tkun lesta tirreaġixxi malajr għal kwalunkwe żvilupp jew xejra ġdida bbażata fuq monitoraġġ u analiżi kontinwi ta' kif jevolvi t-traffikar tal-bnedmin – fl-UE u lil hinn minnha. Flimkien, l-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jibqgħu f'pożizzjoni ta' vantaġġ fil-konfront tal-kriminali, l-utenti u dawk li jisfruttaw il-vittmi.

Il-Kummissjoni hija impenjata għall-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva ta' din l-istrateġija. Peress li l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin teħtieġ l-impenn ta' kulħadd, il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mas-sħab kollha biex timmassimizza l-impatt tal-azzjonijiet previsti. Il-koordinatur tal-UE kontra t-traffikar se jgħin biex jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-koerenza fost l-istituzzjonijiet tal-UE, l-aġenziji tal-UE, l-Istati Membri u l-atturi internazzjonali, fl-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija. L-għaqda tal-forzi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin hija essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà Ewropea, jiġu protetti l-persuni vulnerabbli u l-ekonomija, u għas-salvagwardja tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.

Il-Kummissjoni se tissorvelja u tirrapporta wkoll b'mod sistematiku dwar l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija, inkluż lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.